# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IS-SEBA’ LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 507**

**It-Tnejn 1 ta’ April, 2019**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar, fis-6.15 ta’ filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Marc Vella Bonniċi – Sindku
Mark Grech – Viċi-Sindku
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Anna Calleja – Kunsilliera
Julian Paul Scicluna – Kunsillier
Joseph Agius – Kunsillier
Roderick Vella – Kunsillier
Brian Spiteri – Kunsillier
Joseph Bonnici – Kunsillier

**ASSENTI b’APOLOĠIJI**

John J Pace – Kunsillier
Joseph Vella – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

## 507.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

507.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Joseph Vella fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Joseph Vella jkun skużat.

507.1.2 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur John J Pace fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur John J Pace ikun skużat.

## 507.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti

507.2.1 Il-minuti tal-506 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius.

## 507.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

507.3.1 Is-Sindku ressaq pjanta flimkien ma' talba mibgħuta mis-Sur Joseph Buhagiar rigward żvilupp propost għal *Lourdes Petrol Station* fi Triq il-Mina ta' Hompesch. Is-Sindku qal li l-Kunsill ġie mitlub jagħmel ittra ta' referenza. Is-Sindku żied jgħid li skont il-pjanta mibgħuta mis-Sur Buhagiar kien jidher li d-dħul u l-ħruġ għall-pompa kienu ser jiġu rtirati lura u l-pompa tal-fjuwil kienet ser tiġi mċaqalqa f'żona barra l-iżvilupp.

507.3.2 Is-Sur Joseph Buttigieg u s-Sinjura Anna Calleja talbu sabiex il-Kunsill joġġezzjona f'każ li jkun ser isir żvilupp barra ż-żona tal-iżvilupp.

507.3.3 Is-Sindku ppropona sabiex il-Kunsill ma jieħux deċiżjoni dwar l-iżvilupp propost għal *Lourdes Petrol Station* fi Triq il-Mina ta' Hompesch qabel ma jkun hemm applikazzjoni uffiċjali mal-*Planning Authority*. Is-Sur Joseph Buttigieg issekonda lis-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

507.3.4 Inqraw ittra u rapport li l-Kunsill irċieva mingħand is-Sinjura Connie Barun dwar inċident li allegatament kellu t-tifel tagħha fi Triq ix-Xgħajra, Ħaż-Żabbar fejn talbet kumpens ta' €492.69 mingħand il-Kunsill għall-ħsara li ġarrab is-Sur Melvin Barun fil-vettura tiegħu. Is-Sindku qal illi s-Sinjura Barun kienet qed tallega li l-aċċident seħħ minħabba *traffic island* li kienet saret fi Triq ix-Xgħajra ftit tax-xhur ilu. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Roderick Vella, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta.

507.3.5 Is-Sindku qal illi t-tentattiv sabiex il-Kunsill jibqa' miftuħ kull nhar ta' Erbgħa sas-sitta u nofs ta' filgħaxija ma kienx suċċess peress illi r-residenti ma kinux qed jużaw is-servizzi tal-Kunsill wara l-erbgħa u nofs ta' wara nofsinhar, minkejja li

kienu dehru diversi avviżi relatati mal-ħinijiet tal-ftuħ. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jissospendi s-servizz wara l-erbgħa u nofs ta' wara nofsinhar. Is-Sinjura Anna Calleja talbet sabiex il-Kunsill javża lirr-residenti li kien ser jiġi sospiż dan is-servizz u li l-uffiċini tal-Kunsill kienu ser ikunu miftuħa sal-erbgħa u nofs ta' wara nofsinhar.

507.3.6 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kienet ser tiġi organizzata maratona tal-ġiri madwar il-kosta kollha ta' Malta sabiex titqajjem kuxjenza dwar il-konservazzjoni tal-oċean bl-isem *Run the Wave of Change*. Is-Sindku żied jgħid illi f'din il-maratona kien ser ikun hemm parteċipanti Żabbarin. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja, li ġiet issekondata mis-Sur Julian Paul Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li jieħu sehem f'din l-inizjattiva u jħallas €300 għall-ispejjeż matul din l-attività.

507.3.7 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien ħareġ komunikat liż-żewġ skemi awtorizzati għall-ġbir ta' skart reċiklat sabiex jissottomettu l-proposta tagħhom kif mitlub fiċ-ċirkolari 3/2019. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill kien talab li jiżdied il-ġbir ta' skart reċiklat bieb bieb għal darbtejn fil-ġimgħa, kif ukoll li jiżdied is-servizz tal-ġbir tal-ħġieġ għal darbtejn fix-xahar.

507.3.8 Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill iż-żewġ proposti mibgħuta miż-żewġ skemi awtorizzati għall-ġbir ta' skart separat u l-ġbir tal-ħġieġ. L-iskema *Green MT Ltd* kienet ipproponiet li toffri s-servizz tal-ġbir ta' skart reċiklat bieb bieb darbtejn fil-ġimgħa, il-ġbir tal-kartun mill-ħwienet kummerċjali darbtejn fil-ġimgħa u l-ġbir tal-ħġieġ darbtejn fix-xahar; filwaqt li l-iskema *Green Pak Coop* kienet ipproponiet li toffri s-servizz tal-ġbir ta' skart reċiklat bieb bieb darba fil-ġimgħa, il-ġbir ta' kartun mill-ħwienet kummerċjali darbtejn fil-ġimgħa u l-ġbir tal-ħġieġ darba fix-xahar. Dwar it-talba tal-Kunsill biex tiżdied il-kollezzjoni tal-ħġieġ bieb bieb għal darbtejn fix-xahar u biex tiżdied il-kollezzjoni tal-ġbir ta' skart reċiklat bieb bieb għal darbtejn fil-ġimgħa, l-iskema *Green Pak Coop* talbet sabiex tiddiskuti din il-possibiltà mal-Kunsill wara li tiġi ntrodotta l-iskema ta' refużjoni. Dan peress illi l-iskema ta' refużjoni kienet ser tiġi ntrodotta dalwaqt. L-iskema *Green MT* kienet qed tobbliga ruħa li tipprovdi l-provvista ta' 3600 roll kull 3 xhur filwaqt li l-skema *Green Pak Coop* kienet ser tagħti provvista kontinwa ta' boroż ħodor b'xejn lir-residenti kollha Żabbarin matul il-perjodu tal-kuntratt. Is-Sindku qal illi l-*Green MT* ma kienx qed joffri biżżejjed boroż peress illi f'Ħaż-Żabbar hemm madwar 5,500 residenza.

507.3.9 Fis-6.35 ta' filgħaxija il-Viċi-Sindku daħal għal-laqgħa.

507.3.10 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Julian Paul Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li jaċċetta l-proposta tal-*Green Pak Coop* peress illi s-servizz preżenti għall-ġbir ta' skart reċiklat kien sodisfaċenti u peress illi kienu qed joffru provvista kontinwa ta' boroż għar-residenti. Dwar iż-żieda fil-ġranet għall-ġbir ta' skart reċiklat u għall-ġbir tal-ħġieġ, is-Sindku ppropona li jiddiskuti

din il-possibiltà mal-*Green Pak Coop* skont il-ħtieġa wara li tiġi ntrodotta l-iskema ta' refużjoni. Is-Sur Roderick Vella ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

507.3.11 Is-Sinjura Anna Calleja ressqet talba li kienet irċeviet mingħand ir-residenti sabiex il-ġbir ta' skart reċiklat jibda jinġabar wara 7.30 ta' filgħodu, speċjalment fix-xitwa.

507.3.12 Is-Sindku semma l-bżonn li tinħareġ sejħa għall-offerti sabiex jinħatar *contracts' manager* li jkun responsabbli mill-kuntratti tal-Kunsill. Dawn jinkludu, fost oħrajn, il-kuntratt għas-servizz ta' knis f'toroq urbani u toroq mhux urbani, ġbir ta' skart domestiku, ġbir ta' skart reċiklat, ġbir ta' skart goff, iż-żamma u manutenzjoni tal-latrini pubbliċi u tindif, manutenzjoni u tisbieħ ta' *soft areas*. Is-Sindku qal illi l-*contracts manager* għandu jintalab jagħti rapport flimkien mar-rakkomandazzjonijiet tiegħu lill-Kunsill.

507.3.13 Il-Viċi-Sindku ssuġġerixxa sabiex fis-sejħa tal-offerti għas-servizz ta' *contracts manager* il-kuntrattur għandu jintalab jissottometti proposta dwar kif għandu l-ħsieb iwettaq ix-xogħol mitlub mill-Kunsill.

507.3.14 Is-Sur Joseph Agius talab sabiex il-Kunsill jitlob parir lill-Onor Silvio Parnis dwar kif għandha tinħareġ din is-sejħa tal-offerti.

507.3.15 Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex id-deċiżjoni dwar kif u jekk għandhiex tinħareġ is-sejħa tal-offerti għas-servizz ta' *contracts manager* titħalla tittieħed mill-Kunsillieri li ser jiġu eletti fl-elezzjoni tal-Kunsill Lokali u li ser issir fil-25 ta' Mejju li ġej.

507.3.16 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li joħroġ is-sejħa għas-servizz ta' *contracts manager*.

## 507.4 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

507.4.1 Fuq proposta tas-Sur Julian Paul Scicluna li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn l-20 ta' Marzu 2019 u l-1 t'April 2019 li kienet tammonta għal €45,423.76.

## 507.5 Deċiżjonijiet dwar il-kuntratti

- **Manutenzjoni ta' toroq u xogħlijiet maġġuri ta' traqqiegħ li jagħtu aċċess u aċċess biss f'Ħaż-Żabbar (ZLC 6/2019)**

507.5.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-membri tal-bord tal-offerti għall-manutenzjoni ta' toroq u xogħlijiet maġġuri ta' traqqiegħ li jagħtu aċċess u aċċess biss f'Ħaż-Żabbar (ZLC 6/2019) kien kompost mis-Sindku bħala *Chairperson*,

mill-Agent Segretarju Eżekuttiv, mill-Perit Matthew Sciberras, mis-Sur Robert Buhagiar u mis-Sur Julian Paul Scicluna.

507.5.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi kien hemm offerta waħda għall-manutenzjoni ta' toroq u xogħlijiet maġġuri ta' traqqiegħ li jagħtu aċċess u aċċess biss f'Ħaż-Żabbar (ZLC 6/2019) u ġiet evalwata mill-Kumitat tal-Evalwazzjoni. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni għall-Offerti. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kumitat ta' Evalwazzjoni rrakkomanda li l-Kunsill jagħżel l-offerta mingħand S. Spagnol Construction. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill approva r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni u talab li jitkompla l-proċess sabiex din id-deċiżjoni tiġi komunikata lill-offerent involut permezz tal-*Electronic Public Procurement System*.

## 507.6 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri

507.6.1 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi fi Triq is-Santwarju hemm xi globi neqsin.

507.6.2 Is-Sur Joseph Buttigieg talab li jiġu rranġati t-tappieri tad-drenaġġ fi Triq Hompesch peress illi kienu qed iħabbtu.

507.6.3 Is-Sur Joseph Buttigieg semma l-ħtieġa li tinżabar siġra li qiegħda fil-viċinanzi tal-*bus shelter* li hemm fi Triq il-Mina ta' Hompesch. Is-Sur Buttigieg qal illi din is-siġra kienet qed tostakola l-bankina.

507.6.4 Is-Sinjura Anna Calleja tkellmet dwar il-ħruġ ta' permessi għal depożitu ta' krejn jew makkinarju ieħor u talbet sabiex f'każ li tkun ix-xita u l-permess ma jintużax, l-applikant ikun jista' jitlob lill-Kunsill sabiex ibiddel id-data tal-permess mingħajr ħlas. Is-Sur Julian Paul Scicluna qal illi ma kienx qed jaqbel mat-talba tas-Sinjura Calleja peress illi dan it-tibdil jista' jwassal għal abbuż fis-sistema tal-ħruġ tal-permessi.

507.6.5 Is-Sinjura Anna Calleja qalet illi kien qed jintrema ħafna skart goff fuq il-bankina maġenb il-*bring in sites* li hemm fi Triq San Ġużepp u talbet sabiex il-Kunsill iwaħħal *CCTV cameras.* Is-Sindku qal illi fil-ġimgħat li ġejjin kien ser jinbeda l-proġett ta' *community bring in sites* fiż-żona magħrufa bħala tal-Fatah.

507.6.6 Is-Sinjura Anna Calleja talbet sabiex jitwaħħal *dog bin* fil-viċinanzi tal-Kulleġġ Santa Margerita, Skola Primarja A Ħaż-Żabbar.

507.6.7 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi fil-passat kien hemm *dog bin* fil-viċinanzi tal-Kulleġġ Santa Margerita, Skola Primarja B Ħaż-Żabbar iżda kellu jitneħħa fuq talba tar-residenti.

507.6.8 Is-Sur Joseph Agius qal illi kien infurmat li jeżisti trab li jista' jintefa fuq il-ħmieġ tal-klieb li jkun hemm fuq il-bankini.

507.6.9 Is-Sur Joseph Agius semma l-ħtieġa li titwaħħal bozza ġdida ma' arblu fi Triq San Ġużepp fil-viċinanzi ta' Triq Villabate peress illi t-triq kienet mudlama ħafna.

507.6.10 Fis-7.10 ta' filgħaxija is-Sur Roderick Vella talab li jkun skużat.

507.6.11 Is-Sinjura Anna Calleja talbet li tiġi rranġata bankina mkissra fi Triq il-Faqqus quddiem ir-residenza Emmelina.

507.6.12 Is-Sur Julian Paul Scicluna semma l-ħtieġa li tiġi asfaltata parti mit-triq fejn saret l-esproprjazzjoni tal-art fi Triq Sant' Antnin. Is-Sur Scicluna żied jgħid illi kien sar xogħol ta' kostruzzjoni u twaqqa' xi bini bil-konsegwenza li din il-parti tat-triq tħalliet imħarbta.

507.6.13 Is-Sur Julian Paul Scicluna qal illi fit-12 ta' Mejju il-Kunsill kien ser jorganizza *car show* flimkien mas-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ. Is-Sur Scicluna talab sabiex il-Kunsill jieħu ħsieb li jsir it-tindif tat-triq fil-ġurnata ta' qabel il-*car show*. Is-Sur Scicluna talab ukoll sabiex il-Kunsill jipprovdi *bins* għal matul l-attività.

507.6.14 Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa meta kien ser jibda x-xogħol ta' *resurfacing* fi Triq ix-Xgħajra. Is-Sindku qal illi bħalissa kienet qed isir xogħol ta' *resurfacing* fi Triq Salvu Pulis.

**507.7 Mozzjonijiet; u**

507.7.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**507.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

506.10.2 Il-laqgħa spiċċat fis-7.15 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-508 laqgħa li saret nhar it-Tnejn 29 t'April 2019.

IFFIRMATA

Marc Vella Bonnici
Sindku